**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

**POŻIZZJONI TA' STAFF NURSE FIS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' MALTA**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Staff Nurse fuq bażi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tlett (3) snin bħala Staff Nurse fis-Servizz Pubbliku Malta, (li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra)*

2.2 Il-pożizzjoni ta' Staff Nurse hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1) jekk appuntat b'Degree fin-Nursing (Skala 10) u għal perjodu ta' sitt (6) xhur jekk appuntat b'Diploma fin-Nursing (Skala 12).

2.3 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab **fl-aħħar erba' (4) xhur** tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment,a nke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.4 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC / ADAC.

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3.1 Is-salarju ta' Staff Nurse bid-Diploma f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS/ ECVET krediti huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04. Persuna fil-grad ta' Staff Nurse (bid-Diploma) titla' minn Skala ta' Salarju 12 għal Skala ta' Salarju 10 (li fis-sena 2023 hu €23,029.57 x €407.67 - €25,475.59 fis-sena) wara tliet (3) snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' Staff Nurse (bid-Diploma) titla' minn Skala ta' Salarju 10 għal Skala ta Salarju 9 (li fis-sena 2023 hu €24,494.79 x €447.33 - €27,178.77 fis-sena) suġġett għall-kisba tal-warrant relevanti biex tipprattika U mat-tlestija ta' ħames (5) snin ekwivalenza sħiħa ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

Staff Nurse u Staff Nurse bid-Diploma li jiksbu Degree BSc. fin-Nursing fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti), jew l-ekwivalenti tagħha kif iddeterminat mill-Amministrazzjoni, matul il-kors tal-impjieg tagħhom, huma immedjatament imqiegħda fi Skala 10 u mbagħad jitilgħu għal Skala 9 wara sentejn (2) bid-Degree jew ħames (5) snin servizz fil-klassi u lkisba tal-warrant, skond liema jiġi l-ewwel.

3.2 Is-salarju ta' Staff Nurse bil-BSc (Nursing) degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti), jew l-ekwivalenti tagħha hekk kif jiġi ddeterminat mid-Dipartiment tas-Saħħa, wara konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel (Malta), huwa Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2023 hu €23,029.57 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fi-sena sa massimu ta' €25,475.59. Persuna fil-grad ta' Staff Nurse (bid-Degree) titla' minn Skala ta' Salarju 10 għal Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2023 hu €24,494.79 x €447.33 - €27,178.77 fis-sena) wara sentejn (2) servizz bħala Staff Nurse (bid-Degree) fi Skala 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3.3 Staff Nurse li minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2.2. jew fil-paragrafu 2.3, għandha fil-pussess tagħha postgraduate Masters Degree xierqa fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti*), jew Dottorat fil-Livell 8 tal-MQF għandu jitpoġġa immedjatament fi Skala ta' Salarju 8 (li fis-sena 2023 hu €26,048.25 x €486.83 - €28,969.23 fis-sena) bħala Staff Nurse.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija

aċċettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta’ xogħol huwa komparabbli ma’ mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

3.4 Qed jiġi nnutat li s-salarju marbut mal-post ta' Staff Nurse hu supplimentat b'allowances hekk kif speċifikat fil-ftehim settorali fis-seħħ iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Union ta' Malta għall-Qwiebel u Infermiera.

**Dmirijiet**

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta’ Staff Nurse jinsabu fl-Anness A mehmuż ma’ din iċ-Ċirkolari.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171 li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz tal-email fuq recruitment.health@gov.mt

4.2 Persuni maħtura jiġu stazzjonati f'Ministeru rispettiv skont l-esiġenzi tas-servizz u ittri ta' ħatra jinħarġu mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rispettiv.

4.3 Il-kandidati magħżulin jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' shift li jinkludi xogħol bil-lejl skont rosters stabbiliti.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita’**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi u jissodisfaw ir-rekwiżiti ddikjarati fil-paragrafi 5.1 (ii). sa 5.2. Il-ħatra ta' dawn il-kandidati tkun jeħtieġu l-ħruġ ta’ liċenzja ta’ impjieg safejn dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

ii (a). profiċenti fil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija xorta ser jiġu kkunsidrati imma għandhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma tal-ħatra li hi fiż-żmien sena (1) mill-ingaġġ fil-kas ta' Nurses appuntati bid-Degree, u sitt (6) xhur fil-kas ta' Nurses appuntati bid-Diploma, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Universita' ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Kors in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Universita' ta' Malta. Nurses impjegati b'Diploma li ma' jkunux kisbu dan iċċertifikat fi żmien ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba ta' sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat, qabel il-konferma tal-ħatra tagħhom. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa mill-kandidati prospettivi magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jiġu applikati biex jitħallsu lura permezz tal-iSkema tal-Continuous Professional Development (CPD).

U

(b). profiċjenti fil-lingwa Ingliża;

Billi

- jipprovdu, sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja fin-Nursing ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

Jew

- jipprovdu, sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (international English Language Testing System) ta' band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni, qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE / Cambridge Grad Ċ, TOEFL (IBT) : 60-80, CEFR : B2 jkunu wkoll aċċettati;

Jew

- billi jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full-time bħala infermiera rreġistrata fir-Renju Unit jew l-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor li jitkellem l-Ingliż fejn l-Ingliż huwa l-lingwa primarja u/jew uffiċjali.

U

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (b'minimu ta' 60 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti) f'Nursing jew kwalifika komparabbli professjonali U jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala Infermiera fl-Ewwel Livell (First Level Nurse), jew ikollhom isimhom imniżżel fit-Taqsimiet Speċjali tar-Reġistru miżmum mill-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) għar-rigward ta' Infermiera mħarrġa f'oqsma speċjali differenti rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill;

JEW

iv. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krediti jew ekwivalenti) f'Nursing jew kwalifika komparrabbli professjonali U jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) bħala Infermiera fl-Ewwel Livell (First level Nurse), jew ikollhom isimhom imniżżel fit-Taqsimiet Speċjali tar-Reġistru miżmum mill-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta) għar-rigward ta' Infermiera mħarrġa f'oqsma speċjali differenti rikonoxxuti mill-imsemmi Kunsill.

v. **Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/kurrent ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhix possibbli.**

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.
Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 ECTS/ECVET krediti*.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għallapplikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.7 Il-ħatra ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi tkun mingħajr preġudizzju għall-applikant li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà speċifikati f'5.1 sa 5.3 hawn fuq u jiġi mogħti permess tax-xogħol skont ir-Regolamenti tal-Permess Uniku (Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll li jkunu kapaċi jissodisfaw il-kundizzjonijiet

loħra kollha tad-dħul fit-territorju Schengen. Kull proċess jitwettaq b'mod indipendenti u soġġett għall-ipproċessar ta' diliġenza dovuta mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin. L-applikanti li jonqsu milli jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti fi żmien (6) sitt xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet jiġu skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valleetta, VLT 1171 permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **13:30 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju, 2023**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- eżami mediku;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
- żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-

indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma https://deputyprimeminister.gov.mt u recruitment.health@gov.mt

Maureen Mahoney
Direttur Ġenerali (People Management)
għas-Segretarju Permanenti